KUNSILL LOKALI IL-ĦAMRUN

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali l-Ħamrun

## Id-Disa' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 10

Laqgħa tal-kunsill Lokali Il-Ħamrun, fis-sala tal-Kunsill, nhar l-Erbgħa 12 ta' Frar, 2025, fil-5.30p.m.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut
Aymen Grech Pace
Jean Carl Agius Ciscaldi
Maria Mallia
Mario Calleja
Maria Baldacchino
Antoine Vassallo

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Tanya Agius Borg – Segretarju Eżekuttiv

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Vince Bonello
Carmen Borg

---

*Misraħ il-Kunsill*
*Triq id-Duka t'Edinburgh*
*Ħamrun ĦMR 2063*
*hamrun.lc@gov.mt*

Is-Sindku Christian Sammut jippresjedi l-laqgħa

**10.02 Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa preċedenti**

10.02.01 S'issa ma kienx hemm żviluppi fix-xogħlijiet fi Triq Ġużè Maria Camilleri.

10.02.02 Rigward Pjazza 7 ta' Ġunju, kien hemm meeting mal-heads tal-park, pero s'issa ma kienx hemm risposti filwaqt li għadna qed nistennew risposta għall-cameras.

10.02.03 Għadha għaddejja l-ħidma fuq l-applikazzjoni tal-*obstical course* fl-iskola tal-Liċeo. Bħalissa, però qed inkunu mitluba diversi dokumenti u affarijiet li se nkunu qed naħdmu fuqhom.

10.02.04 Rigward il-kampanja tal-parkeġġ tal-Liċeo kollox jinsab lest, inkluż il-video promozzjonali. Din il-kampanja għadha ma bdietx ħabba li fil-preżent għandna nuqqas ta' staff, però se tkun qed tibda fil-ġimgħat li ġejjin għal fatt li qedin bi ftit short of staff, pero se jibda x-xogħol daqt.

10.02.05 Rigward ix-xogħlijiet fi Triq Atoċja, ġie ikkummissjonat survey tal-post. U dan intbgħat lill-Perit biex tiġi aġġornata il-BoQ.

10.02.06 Ix-xogħolijiet tan-naħa tar-Rabbat u Triq is-Sewwieqa, mixi sew hemm xi nuqqasijiet żgħar li qed isir xogħol fuqu. Issa beda x-xogħol fuq l-aħħar parti li għandu jkun lest fiż-żmien li ġej. Hemm ambjent sabiħ u akkoljenti.

10.02.07 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera se jkun qed jibda xogħol fix-xelters minn xi voluntiera, speċjalment biex jitneħħa l-ilma. Fiż-żmien li ġej se jkunu qed jibdew xi xogħolijiet bit-tama li jkun hemm l-opportunita' li dawn jinfetħu aktar tard din is-sena.

10.02.08 Is-Sindku reġa' nforma lill-Kunsilliera li kienu se jiġu ngaġġati żewġ persuni. L-ewwel persuna ingħażlet u hija is-Sa Sylvana Mifsud. Bħalissa qeda fil-proċess li qed titgħallem bit-tama li tidhra. Bħalissa hemm sejħa oħra għaddejja, fejn fil-preżent qeda miftuħa b'mod intern mal-kunsilli lokali kollha. Għaliha s'issa hemm applikazzjoni waħda u se tagħlaq fid-28 ta' Frar. Is-Sindku qal li bħalissa għaddejjin minn żmien fejn qedin ftit b'nuqqas ta' staff, għax hemm waħda ġdida u l-oħra tqila, però għaddejjin minn proċess li jrid isir biex eventwalment ikollna sistema aħjar.

10.02.9 Fil-mument għaddej l-audit tal-2022, bit-tama ingħalaq sal-laqgħa li jmiss.

10.02.10 Rigward ix-xogħolijiet tar-Roof Garden bħalissa bdiet it-tieni fażi tiegħu. Is-Sindku fakkar lill-kunsilliera li hemm kwistjoni fuq il-pompa għax min ħadem fuq it-tender niżżel waħda li ħaseb li kienet tajba, però mid-dehra jidher li din mhux se tkun b'saħħitha biżżejjed biex ittellha l-ilma ħabba l-ammont ta' tul li hemm, għalhekk jridu jsiru xi aġġustamenti u kif ukoll hemm bżonn it-three phase. Waslet l-istima ta' dan ix-xogħol li qed tammonta għal €33K. Se jkun

qed jidħol aktar fid-dettal biex dan ix-xogħol jista' jsir, però dan l-ammont huwa diffiċli fil-preżent. Fuq din saret diskussjoni libera fuq dan il-proġett.

10.02.11 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li inxtara vann *secondhand* ieħor għal press ta' €3800. Dan kellu jinxtara għax kien hemm problema fejn ma kienx hemm biżżejjed vetturi biex isir ix-xogħol ta' kunsill għall-ammont ta' ħaddiema li għandna. Hekk ix-xogħol jibqa għaddej b'mod tajjeb u effiċenti. Il-Kunsill approva.

10.02.12 Fuq il-ħaddiema, s-Sindku qal li bħalissa hemm grupp ta' ħaddiema li qedin għal xogħolijiet taż-żebgħa, ieħor li qed jieħu ħsieb il-manutenzjoni u hemm ieħor li qed jieħdu ħsieb li jagħmel xogħolijiet ta' tiswija fil-binja tal-Kunsill stess. B'dan il-mod qed jiġu frankati ħafna fondi minn tal-Kunsill.

10.02.13 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li l-Ħamrun Hub jinsab lest biex jibda jiġi utilizzat, għalhekk fakkar li huwa mportanti li nħeġġu lin-nies li dan il-post huwa disponibbli. Huwa qal ukoll li għall-Karnival tal-Ħamrun se jkun hemm esibizzjoni ta' ritratti relatati mal-Karnival. Huwa qal ukoll li jkun tajjeb li jkollna wirja relatata mal-Ġimgħa Mqaddsa.

10.02.14 Rigward it-tender tal-Carpark m'għadx hemm żviluppi, però se jkunu qed isiru laqgħat mal-persuna li se tkun qed taħdem it-tender.

**10.03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

10.03.01 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera rigward l-audit li qed tinħadem tal-mument. Fil-preżent qed jingħalaq l-audit tal-2022, wara li aktar kmieni s-sena li għaddiet ingħalqet dik tal-2021. Min naħa tal-accountants is-sena 2024 għadha ma ġietx magħluqa, però qed issir pressjoni biex din tkun magħluqa fiż-żmien li ġej.

10.03.02 Is-Sindku kompla jgħid hemm bżonn li jiġu indirizzat it-tenders li huma magħluqa/skaduti. Li hemm tajjeb li għadna ngawdu l-prezzijiet l-antiki, però ma ninsabux konformi mal-liġi li hija ħaġa li mhux tajba.

10.03.03 Fuq dan il-punt, is-Sindku qal li, għal fatt li dan il-Kunsill għamel snin bla segretarji eżekuttiv, hawn issue ta' backlog mil-lat amministrattiv kien hemm ċertu nuqqasijiet, sar kollox b'mod tajjeb, iżda kien hemm nuqqasijiet fosthom li ma reġax ħarġu t-tenders. Pero tiġa bdew ftit ħidmiet fuqhom, fosthom tal-carpark u anke tal-konvenjenzi pubbliċi, bit-tama li sa tmiem din is-sena jinħarġu dawk li hemm bżonn u niġu konformi kif suppost.

10.03.04 Waslet email bl-iskemi li hemm pjanati għaż-żminijiet li ġej. L-iskemi huma fiq l-attivitajiet annwali, li se napplikaw fuqha għall-Festival taċ-Ċikkulata, oħra għall-lokalitajiet aktar nodfa, li se jkun qed jieħu ħsieb il-Viċi-Sindku u oħra relatata mal-Milied.

10.03.05 Rigward id-dawl tal-Milied, kien hemm diskussjoni għal fatt li d-dawl dam ma' ġie finalizzat, però dan ġie għal fatt li sat-8 ta' Diċembru kien għad hemm it-tiżjin tal-festa tal-Kunċizzjoni. Kienet l-istess għaqda li talbet li t-tiżjin jibda wara din il-ġurnata.

10.03.06 Is-Sindku qajjem punt għad-diskussjoni meta, fejn persuna tkun se titwaqqa dar u jkun hemm street lighting, il-kunsill kien jieħu ħsieb li jkellem lill-kuntrattur biex din titranġa min naħa tagħna. Huwa qal li l-kunsill m'għandux iħallas dawn l-ispejjeż, fejn għandu jkun l-iżviluppatur li jħallas din l-ispiża. L-Kunsill qabel, u kif ukoll li persuna qabel twaqqa għandha tinforma l-kunsill.

10.03.07 Is-Sindku qajjem punt għad-diskussjoni fejn meta persuna tiġi biex tagħmel permess għal high-up preżentement qeda bla ħlas, però f'diversi lokalitajiet qed ikun hemm fee, u dan qed joħloq diżgwid bejn il-kunsilli. Il-Kunsill qabel li għal dan il-permess ikun hemm ħlas ta' €10.

10.03.08 Waslet korrispondenza mingħand Għaqda Immakulata Kunċizzjoni li dawn se jagħmlu chinese evening li fiha hemm xi żfin, ikel ect u qedin jitolbu jiffinanzja għal din l-attività. Il-Kunsill matul is-sena qed ikun ta' appoġġ għal din l-għaqda f'ħafna proġetti u attivitajiet varji, però għall-attività simili ma' tistax tingħata għajnuna mill-kunsill. Saret diskussjoni libera filwaqt li l-Kunsill approva.

10.03.09 Rigward it-talba tal-bandalori tal-Għid, il-Kunsill qabel li se jkunu qed jappoġġjaw lil din l-għaqda bl-ammont ta' żewġ bandalori.

10.03.10 Is-Sindku qal li t-toroq prinċipali ġew armata għall-Valentine's Day.

10.03.11 Is-Sindku fakkar fuq l-attivitajiet għax-xhur li ġejjin. F'April se jkun hawn l-attivitajiet tal-Ġimgħa Mqaddsa fosthom id-dramm li hu organizzat mill-Kunsill stess, filwaqt li f'Mejju, jkun hemm Jum il-Ħamrun. Fil-laqgħat li jmiss jridu jiġu pjanati l-attivitajiet matul dik il-ġimgħa għall-Jum il-Ħamrun li huwa nhar it-Tlieta 27 ta' Mejju. Saret diskussjoni libera fuq attivitajiet possibbli għal din l-okkażjoni.

10.03.12 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li se jkun qed isir xogħol fuq cable tad-dawl ħalli fis-sajf titnaqqas l-issue tal-qtugħ tad-dawl. Dan ix-xogħol se jkun għaddej min naħa tal-Kunċizzjoni sa Pjazza San Pawl.

**10.05 Karnival**

10.05.01 Il-karnival li se jsir fit-23 ta' Frar, fejn qal li hija ħaġa ferm sabiħa li apparti l-kompetizzjoni tal-karrijiet se jkun hemm għaddejja ukoll il-kompetizzjoni taż-żfin. Waqt il-karnival fil-Ħamrun dawn se jkunu qed jingħataw 50 fil-mija tal-punti. Huwa qal li se jkun hawn ammont sabiħ ta' karrijiet, apparti li se jkun hemm ukoll is-sehem tal-baned Ħamruniżi u kif ukoll banda li hija mqabbda minn Festivals Malta. Biex jintrebaħ l-ispazju, il-karrijiet se jibdew minn Triq Santa Maria u l-arena se jkun quddiem il-Każin tal-Ħamrun Spartans. Se jkun

hemm affarijiet relatati mat-tfal u qed tintalab donazzjoni ta' €100. Il-karrijiet ġejjin is-Sibt filgħaxija.

10.05.02 Ħabba l-ammont ta' karrijiet u żeffiena li se jkun hawn, dawn ikollhom magħhom mużika kemm xejn għolja li taf ittellef lill-Baned, għalkemm ġie deċiż li l-isfilata se tkun hekk : L-ewwel il-baned l-Ħamrun, imbagħad żeffiena, il-karrijiet u l-Banda Żejtun.

10.05.03 Bħala reklamar se jkun qed isiru avviżi fuq l-istazzjonijiet ONE u NET u kif ukoll se jkun qed boosting fuq il-paġna tal-Kunsill.

10.05.04 Is-Sindku qal li huwa mportanti li kulħadd jagħti sehmu. Se jkun hemm nies apposta però importanti li l-kunsilliera jkunu preżenti. Il-kunsill ġie nfurmat ukoll li għal din l-attività se jkun hemm risk assement u insurances.

**10.06 Impjegati** (Diskussa aktar kmieni.)

**10.07 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

10.08.01 Dr Antoine Vassallo attenda għal-laqgħa relatata ma' fondi tal-Ewropa u Erasmus. Waqt din il-laqgħa qal li ġew diskussi xi ideat, fejn fost l-oħrajn tingabar informazzjoni fuq residenti legali barranin. L-idea hi li la darba dawn huma residenti, dawn ikunu parti f'attivitajiet biex jintegraw aktar fis-soċjetà. Hemm fondi li jgħidu għall-attivitajiet simili.

10.08.02 Il-Kunsillier Jean Carl Agius Ciscaldi qal li ġie avviċinat mill-Għaqda Immakulata Kunċizzjoni għax jixtiequ xi tip ta' kamra biex tintuża għall-armar tagħhom.

10.08.03 Il-Kunsillier Mario Calleja, qal li hemm persuna li issuġġeriet li il-pjazza ta' quddiem il-Liceo jkun hemm aktar dawl.

10.08.04 Il-Kunsillier Mario Calleja semma' ukoll il-possibilità ta' aktar calverts. Fuq dan is-Sindku qal li bħalissa il-fondi ma jippermettux, però se jkun hemm nota ta' dan kollu għal ħidma possibbli aktar 'il quddiem.

**09.10 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagament**

09.10.01 L-iskeda tal-ħlasijiet numru 01.2025 ġiet approvata mill-Kunsilliera Mario Calleja u sekondat mill-kunsilliera Maria Mallia

**09.11 Aġġornament tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Laqgħa li jmiss hija skedata għall-Erbgħa 12 ta' Marzu 2025, fil-5.30pm.

Christian Sammut
Sindku

Tanya Agius Borg
Segretarju Eżekuttiv